# REBHA MISTURA

Ta' A. MALLIA ZARB

Il-foss ta' bejn it-triq li toħroġ mill-Kastilja għall-Furjana u s-swar ta' barra l-Belt li jduru għal Putirjal kien mimli daqs qaqoċċa. Ma kienx l-Assedju ta' l-elf ħames mija ħamsa u sittin, għax il-Belt lanqas biss kienet għadha nbniet. Lanqas ma kienu l-Maltin qed jaħbtu għall-Franċiżi. Kienet qed issir taqtigħa mhux għal ħajjitna, mhux għad-Din qaddis tagħna, iżda għal ħaġa li kienet għal bosta tfisser ħafna, kienet tfisser għana, għajxien, ferħ għal min jiksibha. Fid-dawl dehbieni tax-xemx nieżla, fis-sħana fietla tal-għabex sajfi kif taf tagħmlu Malta, hemm qalb dik il-miġimgħa kbira ta' nies kollha siekta, kollha qalbhom ittaqtaq, kollha ħarqiena jissemmgħu xewqana għal kull kelma li tinstema' bit-tkarwit u r-ragħad setgħani u qawwi ta' l-alla Fortuna x-xorti ta' xi wħud. Dak ir-romblu kbir kbir idur u jitgerbeb, bħal ġgant maqbud u midrub fl-aħħar ġlieda għal ħajtu, miżmum ġo kamra kbira u għolja li ttellef id-dehra tas-swar qawwija ta' l-inħawi u t-telgħa ħadranija warajha — dak ir-romblu kellu ġo fih eluf ta' bċejjeċ ta' karti maqfula f'boċċi tal-ħadid. Tgħid, min kellu jkun dak li tiegħu jitla' l-biljett li jġiblu ħamsa u tletin elf lira?

Randu, m'hemmx għalfejn ngħidu, kien jistenna li hu kellu jkun ir-rebbieħ. Kien ilu jieħu biljetti, wieħed wara l-ieħor. Kien ilu, miskin, ihewden iljieli sħaħ fuq dik il-kemxa flus li donnha qatt ma kienet sa tmiss lilu. Xortih kienet tinkih mhux ftit. Miskin, kien ħaqqu wara li ħela tant flus u ħabbel tant moħħu, kien ħaqqu li jirbaħ, imqar l-iċken premju! Iżda Randu ma kienx bi ħsiebu jirbaħ jekk mhux għall-inqas it-tielet. U kellu x'jambihom, miskin, għax l-għera u l-faqar li fihom kien igħix hu u jgħajjex lil martu u 'l uliedu ma kienu xejn ta' ġieħ u la għall-pajjiż u lanqas għal mn kellu jieħu ħsieb il-ħaddiem. Għax dik ix-xi ħaġa żgħira li l-Kappillan kien jagħtih mill-ftit li kellu hu ma setgħet qatt tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' min kien fid-dmir jaħseb għall-ġid tal-fqar. Iżda Randu kellu tama qawwija f'Alla kif ukoll f'dik li hu kien bosta drabi jinbex, l-imbierka xortih, għalkemm issa kien beda jaqta' qalbu minnha. B'danakollu baqa' jmur jgħasses għat-tlugħ tal-Lotterija, iktar bi drawwa milli b'ħerqa.

Malli r-romblu l-ġdid kien beda jaħdem, Randu ħa r-ruħ. "Fl-aħħar sa nagħmlu xi ħaġa", ħarġitlu minn fommu, bħallikieku issa żgur kellu jirbaħ. Għalhekk beda jmur mal-kotra li reġgħet kibret wisq iktar minn qabel, biex jara kif sa tmur il-biċċa. "Hekk sewwa!", qal lil wieħed maġenbu, li miskin kien qala' għonqu jixxabbat u jiġġebbed kemm jista' biex jittawwal minn fuq spallejn godlija ta' raġel fih ġolf li kien jinsab quddiemu. "Hekk sewwa, u mela qabel?" issokta Randu. "Jekk ma jitlax l-ewwel il-biljett tiegħi, jibqa' jdur xorta sa-

kemm b'xorti tajba jmissu xi ħaġa". "Tassew, tassew", wieġbu l-ieħor hu u jserraħ ftit għonqu.

Randu kien ilu jaħseb x'għandu jagħmel jekk jirbaħ. Ma kienx bi ħsiebu jibni dar, lanqas jixtri karozza, lanqas "television" jew "fridge", jew makna tal-ħasil—għallinqas mhux għalissa, żgur, mhux malli jirbaħ, għax Randu ma kienx bi ħsiebu jħalli l-ferħ tal-waqt jitlliflu għaqlu. Randu kien ħażin daqx xitan, u ħadd ma kien ireġġgħu lura minn dak li jwaħħal f'rasu. Kien ilu jaħseb li l-flus ħażin turihom lil ħaddieħor, l-iżjed lill-ħbieb, għax, miskin int, kemm jitolbuk, kemm idejquk, kemm ibigħulek bl-għali, kemm ibellgħulek ħwejjeġ li ma tkunx trid! Imbagħad xi ngħidu għall-biża' li dejjem iżommok imqajjem taħseb fuq ħallelin, fuq banek, fuq fejn l-aħjar tqegħedhom flusek, u fuq ħaġa u fuq oħra? Trid toqgħod b'seba' għajnejn ukoll minn fejn tgħaddi, lil min taħrab, ma' min tagħmilha, u kif titkellem! Sa l-ħbieb titlef, għax jekk ma ttihomx li jridu, ma jafukx aktar. "Mhux għax sa mmut bil-għali jekk nitlifhom!" kien jissabbar Randu, "l-aqwa li minn buti ma jiħduli xejn"!

Le, ma kienx bi ħsiebu la jħallihom iġibuh fil-gazzetti u lanqas juri lill-ġirien u 'l sħabu. L-ebda ħalliel ma kellu jkun jaf bih. Lanqas lill-Gvern ma ried juri jekk jirbaħ, li ma jmurx ifittixlu u jaħtaflu t-taxxa fuqhom u fuq l-imgħax li seta' jġib fuqhom.

Ir-romblu kien diġà beda jdur u Randu tela' fuq ponot subgħajh. F'daqqa waħda waqa' skiet kbir, ir-romblu waqaf u tifel b'għajnejh mgħammda daħħal idu u tella' boċċa. Qalb Randu bdiet tħabbat sitta sitta. "San Ġorġ, tellagħhuli u nagħmillek żewġ gandlieri tad-deheb", beda jtenni lilu nnifsu, "San Ġorġ, tellagħhuli, tellagħhuli"!! Iżda San Ġorġ ftakar iktar fl-Ingilterra li kienet darba tqimu bosta, u Randu baqa' b'xiber imnieħer.

Il-ħamba tan-nies waqfet u r-romblu reġa' beda jdur. Iżda Randu bdiet iddur rasu bih u bilkemm intebah li t-tifel kien wasal biex itella' t-tieni boċċa. F'daqqa waħda widnejh waqfu bħal ta' ħmar u għajnejh berraqhom. "Tiegħi!!!" Iżda lanqas felaħ isemmagħha lilu nnifsu u baqa' msammar hemm qisu tal-ġebel. Ir-romblu reġa' beda jdur u l-ħsejjes ġabuh f'sessih. Minnufih ħsieb ħażin għaddielu minn rasu. "Żgur sa jkunu jafu bija", qal imbeżża', u kif ġieh il-ħsieb, beda jimbotta n-nies ta' madwaru u jħaffef kemm jiflaħ il-fejn kienu qed itellgħu l-Lotterija. Dawk li rawh baqgħu jħarsu lejh miblugħa. Xi wħud intebhu x'ġara u ġiethom għira.

B'nifsu maqtugħ wasal ġol-bini u staqsewh x'ried, "Fejn hu, fejn hu, fejn hu d-Di... di... di... Direttur?" temtem hu u jilheġ. "Xi tridu? Min int?" staqsieh wieħed. "Għax... għax... irbaħt... tgħid lil ħadd!" ħarġitlu, waqt li gidem xofftu malli lissinha. "B'daqshekk? Jaqaw tridhom issa, issa?" "Le... imma... imma... imma". "Xi trid? Għid!" għajtu tnejn f'salt. "Irrid li ma tgħidu 'l ħadd, lil ħadd, fhimtu, lanqas lill-gazzetti, lanqas lill-Berqa u... Fejn hu d-Direttur?" Id-Di-

rettur dak il-ħin resaq lejhom għax malli sema' l-għajat u lemaħ raġel barrani hemmhekk ried jaf x'inqala'. Fis sar jaf u b'daħka f'fommu wiegħed lil Randu li kollox mistur u 'l ħadd ma kellhom igħidu xejn mingħajr ma jħallihom hu.

L-għada Malta kollha kienet taf li xi ħadd mir-raħal ta' Randu rebaħ it-tieni premju, iżda min kien, l-ebda gazzetta ma ġabet. Biss il-ġirien ma semgħux lil Randu jgerger bħas-soltu, u l-mara u t-tfal kienu jidhru donnhom jafu xi ħaġa u ma jridux igħiduha. Randu ntebah li ma jdumux wisq ma jsiru jafu b'xi ħaġa. Għalhekk malajr reġa' widdeb lil Rożi u lit-tfal biex ma jikxfu xejn, u biex ma jagħtix fil-għajn ħareġ iġorr bħas-soltu.

"U ħallina, Rand", bdew jagħmżuh bi tbissima sħabu, "trid tbellagħha lilna?" "X'jiġifieri? Mela jien għandi għalfejn ngħid ħaġa b'oħra?" għajjat Randu. "Eh! Kieku rbaħt xejn ma kont nifraħ, jaħasra u, ħarsu 'l hawn", issokta jgħid, "kont nisqikom xarba nbid kif tixtieq qalbkom, tafux!" Dak il-waqt leħħa bħal ta' berqa xegħlet il-ħanut u Randu dam iktar minn minuta sa ma reġa' beda jara. Imbgħad intebah x'kien ġara—ħadulu ritratt. F'daqqa waħda demmu telagħlu għal rasu u beda jgħajjat b'ħanġra daqsiex, "Għamiltuhieli, ja xjaten li intom, għamiltuhieli!" Iżda dak li kien għamilhielu kien għadu qed jistenna. Żagħżugħ ma jaqta' jiesu minn xejn, jaħdem għall-gazzetta, kien qatagħha li l-għada l-editur ikun jista' jxandar l-isem tar-rebbieħ li ħa t-tieni premju. Malajr mar ir-raħal li kienu jafu li fih kien joqgħod ir-rebbieħ, u f'kemm ili ngħid, saqsi 'il dan u saqsi l-ieħor, sar jaf bil-biċċa ta' Randu, u ried jeħodlu mhux biss ir-ritratt iżda wkoll stqarrija minn fommu stess tar-rebħa. Biex ħallewh jieħu r-ritratt kien hemm xi żewġ raħħala newlu idejhom biex nasbu lil Randu, u dan daħal fiha waħdu!

"Għamiltuhieli, ja klieb!" beda jgħajjat fis-saħna Randu. "Nagħmillu jien lid-Direttur talli kixifni! Nagħmillu jien!"

Dak il-lejl Randu ma għalaqx għajn m'għajn bil-ħsibijiet, u l-għada kellu jsakkar il-bieb ta' barra għax malli n-nies qraw il-gazzetta u raw ir-ritratt ta' Randu kulħadd ried jaqsam miegħu l-ferħa tar-rebħa.

---

Jekk ma titlax il-muntanja
Ma tarax il-wita.

---

Ħares qabel ma taqbeż.

---

Il-kliem huwa tal-fidda, imma s-skiet tad-deheb.